# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Lulju, 2001.**

**Kawza Numru 33**

**Citazzjoni Numru 96/95 GV.**

**Doc. 115/01**

**Dr. Joseph M. Pirotta**

**vs**

**Joseph Grima et**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2001, il-konvenut talab li jappella minn digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 2001 li permezz tieghu giet michuda t-talba tal-kovenut biex il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-25 ta' April, 2001.

Illi l-konvenut informa l-Qorti li hu kien ipprezenta rikors biex jappella izda dana r-rikors ma nstabx.

L-attur qed jopponi li jsir appell f'dan l-istadju billi mhux konsentit mill-ligi {art. 229 (1) tal-Kap 12}.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-artikolu 229 jelenka l-kazijiet fejn appell minn digrieti jista' jsir biss wara l-ghoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definitiva.

L-artikolu 229 (3) tal-Kap 12 jaghti l-fakolta' lill Qorti li taghti permess specjali biex jigi interpost appell minn digrieti li ma jaqghux taht il-provvediment tas-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu, fejn f'dawk il-kazijiet l-appell irid isir wara s-sentenza definitiva.

Illi l-kaz in ezami jaqa' taht is-subinciz (k) li jipprovdi dwar digriet jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet.

Id-digriet li nghata fit-2 ta' Mejju, 2001 nghata biex jigi regolat il-kontro-ezami li qed isir ta' l-attur billi dana qed jitwal inutilment u m'hemmx hjiel ta' meta jista' jintemm. Ghalhekk hu ghaqli li l-kawza f'dan l-istadju ma titwaqqafx biex isir l-appell mitlub u li lanqas ma hu konsentit mill-ligi. Hu dover ta' din il-Qorti li tmexxi s-smiegh tal-kawza u tirregola l-iter tal-process skond l-ahjar interess tal-gustizzja u skond kif hi obbligata bid-dritt procedurali li tmexxi (ara Qorti Kostituzzjonali Perit. D. Mintoff vs Dr. J. Brincat 8/1/2001).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talba tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**